MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**YANA MICALLEF STAFRACE**

Seduta tal-11 ta' Mejju, 2011

Talba Numru. 319/2009

**C & H Bartoli Ltd (C 383)**

**vs**

**Stefan Vassallo (Karta ta’ l-Identita 320966M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-21 ta’ April 2009, fejn intalab li l- konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ elfejn, mitejn u erbghin Euro u disgha u disghin centezmu (€2,240.99c) ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjez kollha u bl-imghaxijiet.

Ra in-nota ta riduzzjoni tas-socjeta attrici ippresentata l-Qorti fit-2 ta’ Mejju 2011 fejn l-ammont gie ridott ghal mija u sittin Ewro u disgha u hamsin centezmu (€160.59c)

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex l-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-

kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Kodici tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment, l-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2011, meta gewipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha ttiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta' Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sittin Ewro u disgha u hamsin (€160.59c), bl-imghaxijiet kif mitluba fl-Avviz u bl-ispejjez kollha li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------